# Fl-Okkażżjoni tal-50 sena mill-Proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Assunta

Edward Camilleri

*Fil waqt li din is-sena qegħdin niċċelebraw is-sena tal-Ġublew Imqaddes li fih b'tant ferħ qed jiġi mfakkar it-tielet millenju tal-Kristjaneżimu, qiegħed jiġi mfakkar ukoll avveniment ieħor ta' importanza, meta filfatt ħamsin sena ilu l-Papa ta' dak iż-żmien Piju XII ipproklama solennement id-domma ta' l-Assunzjoni. U propju f'dan l-artiklu ser nagħti tagħrif fil-qosor fuq min kien dan il-Papa u tagħrif ieħor konness ma' dan l-avveniment.*

*Id-Domma.*

Qabel xejn ta' min wieħed jispjega, għal min ma' jafx, x'jiġifieri domma. Fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika f'paragrafu 88 insibu li l-Knisja tħaddem l-awtorita' tagħha li għandha minn Kristu li tgħallem meta filfatt tipproponi xi veritajiet tal-fidi tagħna b'sura li torbot il-poplu nisrani b'rabta ta' fidi li ma' jistax jerġa lura minnha, bħalma filfatt hija din dwar l-assunzjoni ta' Sidtna Marija.

*Il-Festa ta' l-Assunzjoni ta' Sidtna Marija.*

Waqt din it-tifkira nfakkru li bi grazzja speċjali, Alla ried li dak li għad jiġri fl-aħħar jum lil dawk li jmutu fi Kristu, jiġri fil-Verġni Mqaddsa Marija sa mill-bidu tal-mewt tagħha, billi ġisimha bla ma' jara t-taħsir jinbidel f'ġisem glorjuż.

Din il-festa li tfakkar it-tlugħ fis-sema ta' Sidtna Marija, ilha ġejja sa mill-bidu tal-ħames seklu, meta f'Ġerusalemm, kienet tiġi iċċelebrata din il-festa ta' tifkira. Bil-mod il-mod din il-festa bdiet tiġi ċċelebrata fi knejjes oħra.



*Il-Papa Piju XII.*

Dan il-Papa twieled ġewwa Ruma fit-2 ta' Marzu 1876 u kellu l-isem ta' Eugenio Pacelli. Missieru li kien jismu Filippu kien avukat u ommu kienet Virginia Graziosi. Il-familja tiegħu kienet waħda immirata fuq il-liġi tant li kemm nannuh u kemm missieru kienu avukati fis-Sacra Romana Rota (il-qorti tal-Vatikan).
Maż-żmien hu daħal jistudja għall-saċerdot fil-Gregorjana u fis-Seminarju Ruman. Ġie kkonsagrat saċerdot fit-2 ta' April 1899 mill-Kardinal Vigarju ta' Ruma fil-kappella tiegħu.
Huwa kellu karriera brillanti fid-diplomazija , filfatt kien anke Nunzju fil-Bavaria li dak iż-żmien kien l-uniku stat Ġermaniż li kellu relazzjonijiet diplomatiċi mas-Santa Sede.
Huwa kien ġie mqabbad ukoll mill-Papa San Piju X sabiex jirrikodifika l-liġi kanonika, (li hi l-liġi tal-knisja).

Fl-1929 ġie maħtur kardinal u wara sar s-segretarju ta' l-Istat tal-Vatikan. Mal-mewt tal-Papa Piju XI huwa ġie maħtur bħala Papa fl-1939 u ħa l-isem ta' Piju XII.
Kontra dak li ġieli jintqal, fiż-żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, huwa għen bil-moħbi lil eluf ta' Lhud sabiex jaħarbu mill-kefrija inumana u bla sens tan-nazisti. Filfatt jingħad li ġew salvati madwar 800,000 Lhudi permezz ta' l-intervent ta' dan il-Papa.

Għen ukoll sabiex il-knisja tkompli tiżviluppa filwaqt li kompla jagħniha b'aktar tagħlim permezz ta' diversi Enċikliċi fosthom "Summi Pontificatus" li ħarget f'Ottubru ta' l-1939.
Sadanittant niġu biex nitkellmu fuq id-Domma ta' l-Assunzjoni.

***Il-Proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Assunta.***

Kien propju fis-sena 1950 li dan il-Papa ħass li kien hemm bżonn li din il-verita' ta' fidi li kienet tiġi rispettatata minn kulħadd tiġi pproklamata bħala domma.

Filfatt fl-1 ta' Novembru 1950, fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan Ruma, permezz tal-Bolla *Munificentissimus Deus*, il-Papa Piju XII ddikjara uffiċjalment bħala domma tal-fidi, l-Assunzjoni ta'
Sidtna Marija. Preżenti jingħad li kien hemm folla enormi ta' nies flimkien ma' għadd ta' Isqfijiet u Kardinali, minn madwar id-dinja li flimkien taw ġieħ lil-Sidtna Marija mtellgħa s-sema.
Id-domma kienet tiddikjara li hi verita' rrivelata lilna minn Alla li meta l-Verġni Mqaddsa Marija għalqilha ż-żmien f'din id-dinja, hi ġiet imtellgħa bil-qawwa ta' Alla, fis-sema bir-ruħ u l-ġisem.
Propju minħabba f'hekk li dan il-Papa baqa' mfakkar bħala l-Papa ta' l-Assunta.

J'Alla mis-sema Sidtna u Omnna Marija Santissima tkompli tberikna u tagħtina l-għajnuna fil-ħajja tagħna l-insara sakemm flimkien magħha immorru ngawdu l'Alla għall-dejjem.

**Riferenzi-**

*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika pg41 para-88.*
*Qaddisin fil-Liturġija tal-Knisja Universali-Dun Anton Sammut-pg 159.*
*Awtuni Vaġi.*

